**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 23 ta' Gunju 2021**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Louise Calleja)**

**vs**

**Kevin Amato**

**1.** Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Kevin Amato** iben Vincent u Maria imwielda Delicata, imwieled Pieta fl-1 ta' Awwissu 1973 u residenti Entrance D, Flat 3, Binja tal-Mensija, Taz-Zwejt, San Gwann u detentur tal-karta tal-identita 337173M

Akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer fis-sena 2004, ittraffika persuna tal-eta bil-ghan li dik il-persuna, tigi sfruttata ghall-prostitizzjoni billi ta jew ircieva hlasijiet jew beneficcji sabiex jottjeni l-kunsens tal-persuna li kellha l-kontroll fuq persuna ohra;

2. u aktar talli f'dawn il-Gzejjer, bejn Awwissu 2003 u Gunju 2004, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a) assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni f' Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta li ghalih hemm piena ta' prigunerija u cioe d-delitt ta' traffikar ta' persuni tal-eta, bil-ghan li jigu sfruttati ghall-prostituzzjoni.

b) b'xi mod li kien, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew lill-awturi tad-delitti u cioe lil Raymond Mifsud, fl-atti li bihom id-delitt ta' traffikar ta' persuni tal-eta bil-ghan li jigu sfruttati ghall-prostituzzjoni gew ippreparati jew ikkunsmati.

c) bhala ufficjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantgg iehor li ghalihom huwa ma kellux jedd

d) bhala ufficjal jew impjegat pubbliku sar hati ta' reat li huwa kellu jissorvelja li ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-provvedimenti msemmija fl-Artikolu 119 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**2.** Rat li fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2004, cioe dak in-nhar stess li hu tressaq taht arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, u huwa ikkonferma din l-ammissjoni tieghu, anke wara li l-Qorti tatu zmien sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu.[1]

**3.** Rat in-nota tar-rinviju tal-gudizzju tal-Avukat Generali tal-5 ta' Lulju 2004, fejn deherlu li tista' tinstab htija taht dak li hemm mahsub:

1. fl-Artikoli 18, 204, 48A, 42, 43, 44, 45, 46, 112, 119, 141, 17(b)(h), 31, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali.

[1] Ara fol. 5 u fol. 15 tal-process.

**4.** Rat li fis-seduta tal-21 ta' Lulju 2004 l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kawza tieghu jinstema' bil-procedura sommarja.

**5.** Rat il-Pre-Sentencing Inquiry Report ipprezentat mill-Ufficcjal tal-Probation Mary Rose Farrugia, u semghet ix-xhieda tal-istess Ufficjal tal-Probation.

**6.** Rat li fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2005, il-Qorti tat liz-zewg partijiet il-fakolta li jipprezentaw nota dwar il-piena fit-terminu lilhom prefiss, u iddiferiet il-kawza ghas-sentenza, *in difetto ostacolo* ghas-16 ta' Novembru 2005.

**7.** Rat li fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2005, gie registrat is-segwenti verbal:[2]

> *"Il-Qorti qed tinnota li mill-akkuzi maghmulin, dawn imorru oltre l-ghaxar snin li ghalihom hija kompetenti. ... ...*
>
> *Dr. Joseph Giglio ghan-nom ta' l-akkuzat, in vista ta' dan il-verbal, qed jirtira l-ammissjoni maghmula mill-istess akkuzat u registrata a fol. 15 tal-process.*
>
> *Il-Qorti qed tirrinvija l-atti lill-Avukat Generali sabiex l-Avukat Generali jirregola ruhu skond il-ligi."*

**8.** Rat ir-rinviju tal-Avukat Generali tat-22 ta' Novembru 2005, fejn fih talab lill-Qorti, ai termini tal-Artikolu 405 tal-Kodici Kriminali, joghgobha:[3]

> *"(a) tissokta bil-kumpilazzjoni u tkompli bil-gbir tal-provi ta' wara s-seduta tal-5 ta' Lulju 2004 (fol. 18);*
>
> *(b) tisma' kull prova ohra li iggib il-Pulizija".*

**9.** Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

**10.** Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tas-26 ta' Novembru 2009 fejn deherlu li tista' tinstab htija taht dak li hemm mahsub:[4]

(a) fl-Artikoli 18, 112, 119 u 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

---

[2] Ara fol. 61 tal-process.
[3] Ara fol. 63 tal-process.
[4] Ara fol. 422 tal-process.

(b) fl-Artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**11.** Rat li fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2018, l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kawza tigi deciza minn din il-Qorti u titkompla bil-procedura sommarja.

**12.** Rat li fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2020, din il-Qorti iddikjarat li l-Prosekuzzjoni irrinunzjat li tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet finali, stante li hija naqset li taghmel dan fit-terminu lilha preskritt, anke wara li din il-Qorti estendiet dan it-terminu.

**13.** Rat in-nota ta' sottomissjoniet tad-difiza.

**Il-Fatti**

**14.** Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri kienu s-segwenti:

1. Fit-8 ta' Gunju 2004, il-Pulizija giet infurmata mill-ambaxxata Russa li kien hemm zewg tfajliet russi li kienu qed jigu mizmuma illegalment f'Malta.

2. Dawn it-tfajliet qalu li huma gew Malta bil-weghda minghand certa Tatiana, li kienet Malta, li se jahdmu bhala waiters go restaurant, pero mbaghad din l-istess Tatiana u l-partner taghha Raymond Mifsud sfurzawhom jidhlu fix-xoghol tal-prostituzzjoni, u meta rrifjutaw ma thallewx jitilqu mir-residenza ta' Mifsud fejn kienu qed jirrisjedu.

3. Il-Pulizija interrogat lil Raymond Mifsud dwar l-involviment tieghu fil-prostituzzjoni u traffikar tan-nisa Russi bi skop ta' prostituzzjoni. Waqt l-interrogazzjoni Mifsud qal li l-imputat, li dak iz-zmien kien kuntistabbli tal-Pulizija stazzjonat gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-ajruport, kien jghinu sabiex dawn in-nisa Russi jidhlu Malta, meta kienu jigu mwaqqfa mill-awtoritajiet tal-immigrazzjoni, u ta' dan kien jinghata kumpens.

4. Mifsud qal lill-Pulizija li f'okkazzjoni wahda l-imputat kien involva ruhu direttament fil-bejgh ta' wahda min-nisa li kellu, billi sablu xerrej ghaliha, u kellu jghaddi l-flus tal-bejgh lil Mifsud. Ix-xerrej ta parti mill-prezz miftiehem lill-imputat, u dan ghaddiha lil Mifsud. Ghal xi raguni jew ohra din il-mara ma kienitx qaghdet max-xerrej, u ghalhekk

ix-xerrej irrifjuta li jhallas il-bilanc tal-prezz miftiehem. Raymond Mifsud ippretenda l-bilanc tal-flus minghad l-imputat, ghax hu kien involut u responsabbli mill-bejgh ta' dik il-mara.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

**15.** Qabel tghaddi biex tikkonsidra l-mertu, il-Qorti trid bil-fors tikkonsidra zewg kwistjonijiet procedurali preliminari:

*L-Ewwel Kwistjoni Procedurali: L-Irtirar tal-Ammissjoni tal-Imputat f'dawn il-Proceduri*

**16.** L-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu fic-citazzjoni dak in-nhar stess li tressaq il-Qorti. Minflok tkompliet il-kumpilazzjoni u nhareg l-att ta' akkuza, fil-5 ta' Lulju 2004, l-Avukat Generali deherlu li kellu jibghat l-atti lura bin-nota ghar-rinviju ghall-gudizzju. L-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li dawn il-proceduri jinstemghu bil-proceduri sommarji. Wara li nstemghu il-provi dwar il-piena, il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**17.** Fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2005, din il-Qorti diversament preseduta, issollevat *ex officio* il-kwistjoni li l-piena ghall-imputazzjonijiet dedotti fic-citazzjoni kienu jeccedu l-ghaxar snin priguneria, u ghalhekk kien jezorbitaw mill-kompetenza taghha bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. In vista ta' din id-dikjarazzjoni, l-imputat irtira l-ammissjoni tieghu, u l-atti gew rinvijati lill-Avukat Generali sabiex jirregola ruhu skond il-ligi.

**18.** Fit-22 ta' Novembru 2005, l-Avukat Generali irrinvija l-atti lill-Qorti, ai termini tal-Artikolu 405 tal-Kodici Kriminali, u *inter alia* talabha *"tissokta bil-kumpilazzjoni u tkompli bil-gbir tal-provi ta' wara s-seduta tal-5 ta' Lulju 2004* [id-data tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju].

**19.** Sussegwentement, il-kumpilazzjoni tkompliet skond il-ligi u fis-26 ta' Novembru 2009, l-Avukat Generali rega' baghat nota tar-rinviju ghall-gudizzju ohra, bil-kwalifika li l-Qorti

tisma' fl-istadju opportun ix-xhieda ta' Raymond Mifsud, peress li dan ix-xhud ma kienx xhud ammessibbli peress li kien ghad hemm proceduri kriminali pendenti kontra tieghu.

**20.** Ghal disa' (9) snin baqa' ma sar xejn fis-seduti f'dawn il-proceduri, sakemm gew terminati l-proceduri kriminali kontra Raymond Mifsud, u dan xehed fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2018. Fis-seduta tat-3 t'Ottubru 2018, din il-Qorti qrat in-nota tar-rinviju tal-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali fis-26 ta' Novembru 2009, u l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kawza titkompla bil-procedura sommarja, kif fil-fatt gara.

**21.** Mill-2005 sal-lum, la l-Prosekuzzjoni u lanqas l-Avukat Generali ma ikkummentaw, u wisq inqas oggezzjonaw ghal fatt li l-imputat irtira l-ammissjoni tieghu fl-2005, kif fuq inghad.

**22.** Inoltre, il-Qrati taghna dejjem ekwiparaw in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju maghmul mill-Avukat Generali mal-att tal-akkuza. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Michael Carter** deciza fis-7 ta' Dicembru 2001, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[5] irriteniet hekk:
*"Meta, invece, ir-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-anqas reat wiehed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti. Bhal fil-kaz tal-att ta' akkuza, jekk fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju taht l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Magistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkuzat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu hati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat iehor anqas gravi izda kompriz u involut f'dak ir-reat, jew bhala komplici f'dak ir-reat."*

**23.** Fil-kaz odjern, l-Avukat Generali baghat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) tal-Kodici Kriminali. Effettivament, f'din in-nota, l-uniku reat li bih gie akkuzat l-imputat huwa r-reat ravvizat fl-Artikolu 112 tal-Kodici Kriminali. L-Artikoli l-ohra kollha elenkati mill-Avukat Generali f'din in-nota ta' rinviju huma fir-realta, konsegwenzjali ghas-sejbien ta' htija (Artikoli 17, 18, 31, 119) jew zieda fil-piena (Artikolu 141) jew

[5] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.

sanzjonijiet addizzjonali kontemplati mil-legislatur f'kaz ta' sejbien ta' htija (Artikoli 23 u 533). Konsegwentement din il-Qorti tista' issib lill-imputat hati biss tar-reat kontemplat f'din in-nota, u ma tistax issib lill-imputat hati ta' xi reat iehor, salv, naturalment, dak li ghadu kif inghad dwar it-tentattiv, ir-reat anqas gravi izda kompriz u involut, u l-komplicita`, jekk ikun il-kaz.

**24.** Il-fatt li fl-2009 l-Avukat Generali baghat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju minflok ipprezenta l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali, ifisser li huwa accetta bhala legalment validu l-fatt li l-imputat irtira l-ammissjoni tieghu ghad-diversi imputazzjonijiet originarjament dedotti kontrieh fic-citazzjoni, u kien qed jakkuza lill-imputat bir-reat dedott kontrih fl-istess nota tar-rinviju ghall-gudizzju.

**25.** In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti m'ghandhix xelta hlief li tinjora l-ammissjoni registrata mill-imputat fil-bidu ta' dawn il-proceduri, u sussegwentement irtirata minnu.

*<u>It-Tieni Kwistjoni Procedurali – L-Ammissibilita tal-Istqarrija tal-Imputat</u>*

**26.** Id-difiza qed tissottometti li l-istqarrija u d-dikjarazzjonijiet tal-imputat ma ghandhom jinghataw l-ebda valur probatorju, stante li fis-sena 2004, meta saru, l-imputat ma kienx legalment possibbli li jkun assistit minn avukat fil-kors tal-investigazzjonijiet li saru jew tad-dikjarazzjonijiet li huwa ghamel.

**27.** L-istqarrija tal-imputat ittiehdet fl-2004, fi zmien meta l-ligi Maltija ma kinietx tippermetti li suspettat jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogatorju, u ghalhekk fuq l-iskorta tad-diversi sentenzi tal-Qrati taghna kif ukoll tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, di principju din l-istqarrija ghandha ghandha tigi skartata.

**28.** Pero fil-kaz odjern, fl-ewwel seduta quddiem din il-Qorti, meta issa l-imputat kien debitament assistit mill-avukat difensur tieghu, gie registrat is-segwenti verbal:[6]

[6] Ara fol. 5 tal-process.

*"Id-difiza tinforma lil din il-Qorti li l-imputat jekk mitlub hu dispost li jixhed fil-proceduri li jistghu jittiehdu fil-konfront ta' terzi u dana skond kif spjegat fl-istqarrija dettaljata tieghu."*

**29.** Dan ifisser li l-imputat, li issa kellu kull opportunita li jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu, mhux biss ma hassux minimament ippregudikat bl-istqarrija li huwa irrilaxxa lill-Pulizija, izda addirittura iddikjara li kien dispost li jikkonferma l-kontenut tal-istqarrija bil-gurament fi proceduri kriminali li setghu jittiehdu fil-konfront ta' terzi.

**30.** Effettivament, wara dan il-verbal, l-imputat xehed fit-13 ta' Jannar 2005 fil-kawza **Il-Pulizija vs Raymond Mifsud**, u vera kopja tat-traskrizzjoni tax-xhieda tieghu giet esebita f'dawn il-proceduri.[7]

**31.** Inoltre, id-difiza ghamlet riferenza ghall-istqarrija tal-imputat kemm waqt il-kontro-ezami tal-Assistent Kummissarju Michael Cassar[8] kif ukoll waqt il-kontro-ezami tal-Ispettur Louise Calleja.[9]

**32.** Dan kollu juri li l-imputat mhux biss ma fittix li jiehu lura l-istqarrija tieghu jew li jichad il-kontenut taghha wara li kellu c-cans kollu li jiehu parir legali, imma d-difiza stess f'dawn il-proceduri strahet fuq il-kontenut tal-istess stqarrija. Dan huwa sinjal li l-imputat stess ma kienx qed ihossu illi tqieghed taht zvantagg ingust bl-istqarrija li, wara kollox, ghamilha liberament.

**33.** In vista tal-fatt li l-avukat difensur tal-imputat stess strah fuq il-kontenut tal-istqarrija tal-imputat, minghajr l-ebda forma ta' kwalifika jew rizerva, ghall-istqarrija tal-imputat kif fuq inghad, din il-Qorti ma tarax li l-insenjament fil-kawza **Borg vs Malta** deciza mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-12 ta' Jannar 2016 japplika ghall-fattispecje tal-kaz odjern, u sentenzi ohra tal-Qorti Ewropea u tal-Qrati taghna.

**34.** F'dawn ic-cirkostanzi partikolari, il-Qorti qed tichad it-talba tad-difiza li tiskarta l-istqarrija tal-imputat.

---

[7] Ara fol. 127 tal-process.
[8] Ara fol. 87-89 tal-process.
[9] Ara fol. 99 tal-process.

**35.** Ghalhekk il-Qorti issa ser tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjoni dedotta l-imputat fin-nota tar-rinviju tal-gudizzju tal-Avukat Generali mibghuta fl-2009.

*Il-Meritu*

**36.** Mill-provi prodotti kontra l-imputat jirrizulta ampjament li l-imputat kien fiz-zmien in kwistjoni ufficjal tal-Pulizija stazzjonat l-Ghassa tal-Pulizija fl-Ajruport ta' Malta. Raymond Mifsud avvicinah sabiex "jirrangalu" biex idahhal tfajliet Russi Malta ghal skopijiet ta' prostituzzjoni u traffikar. Mifsud kien jikkuntattja lill-imputat biex jiltaqghu u jghidlu l-ismijiet tat-tfajliet li kienu se jigu mir-Russja, sabiex l-imputat jassigura ruhu li ma jkollhomx diffikultajiet mal-awtoritajiet tal-immigrazzjoni biex jidhlu Malta. Dan gara circa hames (5) darbiet fuq medda ta' disa' (9) xhur, u kienu jigu zewg tfajliet kull darba. Mifsud jghid li kien jaghti lill-imputat xi Lm50 kull darba li kien juza s-servizzi tieghu.

**37.** Inoltre, mill-provi jirrizulta wkoll li l-imputat ghen lil Mifsud biex isib xerrej ghal tfajla Russa, li Mifsud ried ibiegh. L-imputat sab xerrej u ha t-tfajla ghand dan ix-xerrej. Pero dan ix-xerrej ma hallasx il-prezz kollu pattwit, u nqala' disgwid fuq din il-kwistjoni bejn l-imputat u Mifsud.

**38.** Kif diga inghad aktar il-fuq, fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzzju, l-Avukat Generali deherlu li l-imputat kellu jigi akkuzat biss bir-reat ravvizat fl-Artikolu 112 tal-Kodici Kriminali, u cioe bir-reat ta' konkussjoni, u dan minkejja l-fatt li fic-citazzjoni l-imputat kien originarjament mixli bi pluralita ta' reati, u r-reat ta' konkussjoni ma kienx imsemmi espressament fic-citazzjoni. Kif sewwa irrilevat id-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet, ir-rinviju sar skond l-Artikolu 370(3) tal-Kodici Kriminali, u konsegwentement din il-Qorti hija marbuta b'dan ir-rinviju, ghar-ragunijiet moghtija fis-sentenza **Il-Pulizija vs Michael Carter**, fuq citata.

**39.** Dan l-Artikolu 112 jippreskrivi hekk:

*"Kull ufficjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew kull impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk ikollu kemm jekk ma jkollux jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi, taht il-libsa tal-*

*kariga tieghu, jesigi dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-ligi, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn tliet xhur sa sena."*

**40.** Dak l-Artikolu jirrifletti in parti l-Artikolu 196 tal-Kodici Penali Delle Due Sicilie, u in parti l-Artikolu 74 tal-Kodici Penali Franciz, b'emendi maghmula minn Jameson a bazi tal-ligi Ingliza, u b'emendi suggeriti minn Sir Adrian Dingli u Sir Antonio Micallef. Dan l-Artikolu kif jinsab illum gie approvat fis-seduta tal-Kunsill tal-Gvern tal-4 ta' April 1850, li fuq suggeriment ta' Jameson emenda l-Artikolu 98 (illum 112) bl-Artikolu 108 tal-Progett tal-1848 tal-Ligijiet Kriminali ta' dawn il-Gzejjer.[10]

**41.** Ghalhekk meta wiehed qed jinterpreta dan l-Artikolu, irid jaqra b'kawtela l-awturi Taljani li jikkummentaw fuq il-Kodici Penali Taljan, ghaliex hemm differenzi sostanzjali bejn l-elementi tar-reat ta' konkussjoni fil-Kodici Penali Taljan, u dawk fil-ligi Maltija. Din il-Qorti ma jidhrilhix li ghandha ghalfejn tinoltra ruhha f'ezercizzju interessanti imma akkademiku ta' dawn id-differenzi ghal fini ta' din is-sentenza. Pero il-Qorti qed tissottolinea il-fatt li jezistu dawn id-differenzi sabiex tispjega ghalfejn din il-Qorti mhux se tistrieh fuq l-awturi Taljani li jikkummentaw fuq il-Kodici Penali Taljan, pero se tistrieh fuq l-awtur **Santo Roberti** li jikkummenta fuq il-Kodici Penali Delle Due Sicilie.[11]

**42.** L-awtur **Giuseppe Falzon** jghid hekk:[12]

*"Se il reato e di concussione, si richiede: che il colpevole sia impiegato da o sotto il governo; che l'impiegato abbia fatto delle asazioni di denaro od effetti che la legge non permette, o piu di quello che essa permette, o prima che fosse per la medesima legge docuto; che l'impiegato abbia fatto l'esazione sotto colore del suo ufficio; e che il colpevole abbia agito con iscienza della illegitimita della esazione."*

---

[10] Ara **Giuseppe Falzon**: **Annotazioni alle Leggi Criminali per l'Isola di Malta e Sue Dipendenze da Servire a Guidal al Giurato** (1872 Vol. 2 pagni 239 – 248)
[11] Ara **Santo Roberti**: **Corso Completo di Diritto Penale del Regno delle Due Sicilie secondo l'Ordine delle Leggi Penali** (Vol V, Napoli 1835 pagni 267 – 274).
[12] Op. cit. fol. 249.

**43.** Il-**Professur Anthony Mamo**, fin-***Noti*** tieghu taht t-titolu imsejjah '***Of the Abuse of Public Authority***' jelenka l-elementi ta' dan ir-reat, b'mod iktar konciz, u cioe:[13]

*"1. The public character of the offender;*
*2. The unlawful exaction; u*
*3. The colour of office."*

**44.** Fil-kaz odjern jirrizulta ampjament mill-provi, u mhux kontestat mid-difiza,[14] li fiz-zmien in kwistjoni l-imputat kien kuntistabbli tal-Pulizija stazzjonat tal-Ghassa tal-Pulizija tal-Ajruport ta' Malta.

**45.** Rigward it-tieni rekwizit ta' dan ir-reat, u cioe l-illegittimita tal-esazjoni, **Giuseppe Falzon** jghid hekk:[15]

*"Altro requisito di questi reati e l'illegitiimta dell'esazione. ... ... E indifferente per l'esistenza dei reati che il colpevole abbia oppure non il diritto di esigere, per salario di proprie funzioni od in favore del governo o di un pubblico stabbilimento, denaro od effetti, qualora l'esazione segua sotto il colore dell'ufficio – circostanza che e voluta per l'elemento dei reati in discorso."*

**46.** **Falzon** jiccitta b'approvazzjoni lil **Roberti** li jghid hekk:[16]

*"II. ELEMENTO ... ... tratto dal fatto della indebita esazione cioe che si esige dall'impiegato on debb'esser permesso dalla legge, o debbe eccedre la quantita per legga dovuta. Il fatto solo adunque di una tale riscossione, basta per costituire il reato; e la legge non distingue se cioe che dessi all'impiegato si sia o no richiesto espressamente da lui, ne se siasi volutamente o no pagato dalla parte. In conseguenza alcuna di siffatte distinzioni non potrebbe farsi dal magisrato senza violar la legge, e senza supplir coll'arbitrio al testo di essa."*

[13] **Lectures in Criminal Law**, pag.. 80.

[14] Ara nota ta' sottomissjonijiet tal-imputat a fol. 445 tal-process.
[15] *Op. cit.* pagna 251.
[16] *Op. cit.* fol. 271 Numru 558.

**47.** It-tielet element ta' dan ir-reat, u cioe li l-ufficjal pubbliku jitlob l-esazzjoni indebita taht il-libsa jew kulur tal-kariga tieghu, gie ikkunsidrat fid-dettal fis-sentenza fl-ismijiet: **Il-Pulizija vs Geraldo Sacco** deciza fil-11 ta' Dicembru 1956, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[17] irriteniet hekk:

*"Ghalhekk biex tavvera ruhha din l-ipotesi tal-ligi* [cioe ir-reat ta' konkussjoni] *huwa essenzjali li l-impjegat jikkometti l-esazzjoni kontra l-ligi taht il-libsa jew kulur tal-karika tieghu. Ghalkemm huwa, huwa estraneu ghar-reat jekk l-impjegat kellu jew ma kellux il-jedd ghall-ezazzjoni bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew stabbiliment publiku, huwa pero` rekwizit tar-reat illi l-impjegat ikun ghamel l-ezazzjoni taht il-kulur tal-kariga li jkun jokkupa bhala impjegat publiku. ... ...*

*Illi, biex l-ezazzjoni tkun saret taht il-kulur tal-kariga, irid ikollha l-apparenza ta' legittimita`, u jrid ikun hemm da parti tal-impjegat l-abbuz tal-awtorita` attribwita lilu imhabba fl-istess kariga tieghu. Dan huwa wiehed mir-reati li l-Kodici jqieghed taht it-titolu "Fuq Abbuz ta' l-Awtorita`Publika"; u jkun hemm dan l-abbuz meta l-impjegat publiku, skond l-espressjoni ta' Carmignani, "juris colore quaesito", jezigi – xjentement - dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti, jew qabel iz-zmien stabbilit mill-ligi; u hi precizament din l-apparenza ta' legittimita` li tiddiferenzja sostanzjalment din il-forma ta' abbuz tal-awtorita` publika mill-ohra tal-korruzzjoni kontemplata fl-artikolu 114* [illum 115] *tal-Kodici Kriminali, fejn l-espressjoni taht il-libsa tal-kariga tieghu tinbidel fl-ohra fl-okkazzjoni tal-kariga jew impjieg tieghu"*

**48.** F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Appell Kriminali iccitat b'approvazzjoni dak li jghid **Roberti** dwar dan it-tielet rekwizit tar-reat ta' konkussjoni u cioe *il-"colore di legittimita` attribuito alla indebita esazione"*:[18]

*"560. ... ... Cioe che si esige debbe esigersi sotto il pretesto di esser legalmente dovuto, cioe iuris colore quesito; debbe esigersi cioe, compe piu chiaramente dicevasi nell'art. 174 del Code penale abolito, per dritti, tasse, contribuzioni, per salorio o trattamento; debbe esigersi a buon conto in modo che s'inasprisca il privato contribuente contro il Governno, gacendoglisi*

---

[17] *Per* Imhallef J. Flores.
[18] *Op. cit.* fol. 273, Numru 260 u 261.

*credere che per ordine del Governo si esigano delle imposizioni troppo gravi, o dei dritti esorbitanti. Questo elemento e` tanto importante ad assodarsi, in quanto e' il solo che contraddistingue la concussione dalla corruzione, e che giustifica la diversita della pena imposta dalla legge per l'una e per l'altra, … … L'una in fatti e sempre criminale, nel mentre che l'altra e correzionale, il che non saprebbe attribuirsi che al maggior danno inerente alla concussione, appunto perche` s'inspira nel cittadino, da cui si esige l'indebito, un certo malcontento contro il governo, laddove nella corruzione, mettendosi a prezzo un atto del proprio ufficio, dassi evidentemente a comprendere che l'illecito profitto ceda esclusivamente all'ingordigia del pubblico uffiziale o impiegato, senza che il governo lo autorizzi o vi partecipi in menoma parte".*

**49.** Il-**Prof. Mamo** jghid l-istess haga dwar dan it-tielet rekwizit[19]:

*"The exaction thus creates in the private contributor a sense of grievance against the Government by making him believe that by order or the authority of the Government exorbitant fees or too heavy impositions are exacted."*

**50.** Mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni ma jirrizultawx it-tieni u t-tielet rekwiziti tar-reat ta' konkussjoni kontemplat fl-Artikolu 112. A parti kunsiderazzjonijiet ohra, l-accettazzjoni tal-imputat li jghin lil Mifsud biex idahhal nisa Russi ghal skopijiet ta' traffikar u prostituzzjoni, u accettazzjoni tieghu tal-flus li ircieva minghandu, u l-fatt li l-imputat ghen lil Mifsud biex ibiegh mara Russa, ma jikkostitwux abbuz tal-funzjonijiet inerenti ghall-kariga tieghu ta' kuntistabbli tal-pulizija. Mill-provi ma jirrizultax li l-imputat talab u/jew ircieva xi flus taht il-libsa jew kulur tal-kariku tieghu. F'ebda mument l-imputat ma pprezenta lilu innifsu bhalli kieku l-kariga tieghu kienet tattribwilu xi awtorita li jesigi flus ghal dawn "is-servizzi".

**51.** M'hemmx dubbju li mill-provi prodotti ma kien hemm ebda apparenza ta' legittimita` f'dak li Mifsud talab lill-imputat biex jaghmel. Kif lanqas din il-Qorti ghandha xi dubbju li Mifsud kien b'xi mod urtat kontra l-Gvern, ghax kien taht xi impressjoni li l-flus li kien se jhallas lill-imputat kienu se jmorru fil-fondi tal-Erarju Pubbliku.

[19] *Op. cit.* fol. 82.

**52.** Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, il-Prosekuzzjoni ma irnexxiliex tipprova l-ezistenza ta' l-elementi kollha tar-reat ta' konkussjoni - l-uniku reat li bih gie akkuzat l-imputat fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju.

**53.** Kif diga inghad, din il-Qorti hija legalment marbuta li tikkonsidra biss jekk l-imputat hux hati tar-reat ta' konkussjoni li bih l-imputat gie akkuzat fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali, u hija legalment prekluza milli tikkonsidra jekk mill-provi prodotti, l-imputat jistax jinstab hati ta' xi wiehed jew aktar mir-reati li gie originarjament mixli bihom fic-citazzjoni.

**Konkluzjoni**

**54.** Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti issib lill-imputat mhux hati tar-reat ravvizat fl-Artikolu 112 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta elenkat fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tas-26 ta' Ottubru 2009, u qed tilliberah minnu.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**